MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-15 ta' April, 2014

Mandat Numru. 510/2014/1

**Christopher Vella iben Michael, imwieled Pieta`, residenti San Gwann (ID 233588(M)**

**vs**

**Jurgen Calleja, travel agent, iben il-mejjet George u Rita xebba Cachia, imwielda Pieta` u residenti Balzan (ID 336387M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrenti Christopher Vella (ID. 233588(M)) fl-1 ta' April 2014 fejn jinghad bil-qima u jigi kkonfermat bil-gurament: -

Illi l-esponent, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jitrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b' titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta`, u b' mod partikolari –

*Maisonette* minghajr numru ufficjali li jinsab fuq 'elevated groundfloor level' sovrastanti u sottostanti proprju ta' terzi, fi Triq Gianni Darmanin, Imqabba liema *maisonette* jikkonfina mix-Xlokk mal-imsemmija triq u mill-irjiehat l-ohra ma' proprjeta` ta' Lay Lay Limited u ohrajn jew successuri jew irjiehat verjuzi, inkluz is-saqaf u l-kamra ta' fuq il-bejt flimkien mat-tarag li jaghti ghall-bejt direttament mill-*maisonette*. Din il-proprjeta` hija suggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' €232.94 liema cens huwa fuq l-art kollha li din il-proprjeta` flimkien ma' proprjetajiet ohra huma mibnija.

Illi l-esponenti huwa kreditur tal-intimat fis-somma ta' tnax-il elf u erba' mitt ewro (€12,400) u dan skont skrittura privata annessa bhala Dok A.

Illi kontestwalment l-esponent ipprezenta rikors guramentat sabiex l-intimat flimkien ma' persuna ohra jigi kkundannat ihallas din is-somma.

Illi sa fejn jaf l-esponent intimat m' ghandux assi ohra li bihom jista' jaghmel tajjeb ghal dan il-kreditu pretiz u ghalhekk jekk ma jinharigx dan il-mandat l-esponent ghandu biza fondat li ma jistax jezegwixxi eventwali sentenza.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.

Christopher Vella bin Michael mwieled Pieta` u joqghod San Gwann b'karta tal-identita` numru 233588M hawn taht imsejjah kreditur

Jurgen Calleja b'karta ta l-identita numru 336387M u Gilbert Bray b'karta tal-identita` numru 555190M f'isem il-partnership Wotzmedia (P1445) hawn taht imsejha debituri

U bis-sahha ta' dan l-att id-debituri solidalment bejniethom jikkostitwixxu ruhhom veri certi u likwidi debituri versu u a favur tal-kreditur li jaccetta fis-somma ta' erbatax-il elf euro (€14,000) minhabba self liema somma hi restitwibbli f'rati mensili u konsekuttivi u ininterotti ta' mhux anqas minn elfejn u tmien mitt ewro bla mghax. U bid-dekadenza tal-beneficju fuq konvenut fil-kaz li d-debituri jibqghu moruzi fi hlas ta' zewg pagamenti. L-ewwel pagament jithallas fil-5 ta' Awwissu 2013.

In garanzija tar-restituzzjoni tal-imsemmija somma Jurgen Callejja personalment jintercedi ruhu garanti solidali favur il-partnership in garanzija tal-hlas tal-imsemmija somma.

Rat id-digriet tal-1 ta' April 2014 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u ordnat in-notifika lill-kontro-parti li jkollu ghaxart ijiem (10) zmien biex iwiegeb. Irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri, u appuntat il-Mandat ta' Inibizzjoni ghas-smigh ghall-15 ta' April 2014 fin-12.30 p.m.

Rat ir-risposta ta' Jurgen Calleja (33638M) datata 11 ta' April 2014 a fol 6 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' April 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Gatt u Dr David Camilleri ghar-rikorrent prezenti. Deher Dr. Michael Camilleri ghall-intimat, li *seduta stante* ghan-nom ta' Jurgen Calleja kkonsenja *bank draft* fl-ammont pretiz ta' €12,400 lill-Avukat Joseph Gatt ghar-rikorrent prezenti li ddikjara li qed jircievi ghas-saldu tal-pretenzjonijiet tieghu dwar *sorte*. Il-Qorti, *in vista* tal-hlas, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hrug tal-Mandat odjern, salv li ordnat li l-ispejjez tal-Mandat u tal-Kontro-Mandat opportun jigu ssopportati mill-intimat. Ir-rikors gie differit ghal Digriet Kamerali fuq il-Kap tal-ispejjez.

**DECIDE**

Ikkonsidrat li l-hlas tad-debitu sehh proprju wara li l-kreditur kellu jirrikorri ghall-proceduri gudizzjarji u ghalhekk dahal fi spejjez bla bzonn.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u ta xi eventwali kontro-mandat jigu sopportati mill-intimat.

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------